MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2011

Rikors Numru. 1076/2009

Jason Cassar ID 245374 (M)
Vs
Kummissarju tal-Pulizija

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Jason Cassar illi permezz tieghu talab lill-Qorti sabiex tirrevoka l-ordni tal-konfiska tal-propjeta tieghu, senjatament l-appartament numru 1 u 2 fil-blokk ta' appartament bl-isem Jason's Flats, Triq tal-Wej, Mosta moghtija ai termini tal-paragrafi (a) u (d) tas-subartikolu 3A ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija illi permezz taghha wiegeb illi ir-rikorrenti ghandu igib prova konkreta u sodisfacenti li l-provenjenza ta' l-oggetti li taghhom qed jitlob ir-rilaxx mhix rizultat ta' profit jew dhul mill-ghemil tar-

reat li tieghu ir-rikorrenti instab hati jew proprjeta akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn, jew permezz ta' xi  profitti jew dhul bhal dawk.

Rat il-verbal tat-3 ta' Dicembru 2009 li permezz tieghu l-avukati difensuri tal-partijiet ezentaw lill-Qorti milli tiddeciedi ir-rikors fit-termini prekritt fl-Artikolu 22 C (6) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-provi kollha li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi ir-rikors thalla ghal digriet ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikors odjern jibbaza ruhu fuq l-Artikolu 22 C tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta illi jghid illi tista issir talba minn persuna li tkun instabet hatja ta' reat kontra l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap. 101, sabiex il-proprjeta tieghu ma tibqax izjed hekk milquta  bil-konfiska maghmula, jekk dik il-persuna turi li dik il-propjeta' ma tkunx gejja minn profitt jew minn dhul tal-ghemil ta' reat jew ma tkunx miksuba, direttament jew indirettament, permezz ta' xi profitt jew dhul bhal dak.

Illi ghalhekk jispetta lir-rikorrenti li qed jitlob illi tigi revokata l-ordni tal-konfiska li jressaq il-provi tieghu fi grad bizzejjed biex jitwemmen illi l-beni li jrid li jinhelsu mill-konfiska  ma kienux miksuba minn flejjes jew qligh marbuta ma' profitt jew dhul minn ghemil ta' reat, u ghalhekk irid ikun ir-rikorrenti li jaghmel il-prova tal-provenjenza lecita  tal-propjeta' jew l-akkwist lecitu taghha.

Ikkunsidrat :

Illi t-talba ta' l-attur ghar-rilaxx hija limitata ghall-appartamenti numri 1 u 2 fil-blokk ta' appartament bl-isem Jason's Flats, Triq tal-Wej, Mosta.

Illi ir-rikorrenti ipprova illi l-proprjeta in kwistjoni giet ghandu minn donazzjoni minghand il-genituri tieghu fis-sena 1996, u dan kif jirrizulta mill-kuntratt esebit, datat 16 ta' Mejju 1996 fl-atti tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin.

Ikkunsidrat :

Illi l-legislatur haseb sabiex din il-procedura tinstema minn Qorti ta' kompetenza civili u ghalhekk la darba il-Ligi stess tghid li ghal dan il-procediment japplika il-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-grad ta' prova rikjesta huwa dak tal-bilanc ta' probabilitajiet kif dejjem isir f'kawzi civili.

Illi l-procedura kontemplata bl-Artikolu 22 (c) tal-Kap. 101 hija specjali u taghmel eccezzjoni fis-sens li tapplika meta persuna tkun instabet hatja minn Qorti kompetenti ta' reat kontra l-Kapitilu 101. Ghalhekk ladarba tmur kontra x-xejra tad-disposizzjonijiet generali ta' dik il-ligi fejn *si tratta* tal-konfiska tal-gid ta' persuna li tikser id-disposizzjonijiet tal-Kap. 101, u sakemm jigu mharsin il-jeddijiet sostantivi tal-partijiet interessati, ghandha tinghata tifsira f'termini stretti u mhux aktar wiesgha minn dak li ried il-legislatur.

Illi din il-procedura tapplika ghal ordni maghmula skond l-Artikolu 22(3A)(d) biss. Din id-disposizzjoni titkellem dwar l-konfiska ta' flejjes u gid, mobbli jew immobbli, tal-persuna li tinstab hatja, kemm jekk dawk il-beni jinsabu f'Malta kemm jekk barra, ukoll jekk sad-data tas-sejbien tal-htija, l-immobbli tkun ghadda f'idejn terzi.

Illi il-procedura hija miftuha kemm ghall-persuna li tkun misjuba hatja kif ukoll ghat-terza persuna li f'idejha jkun ghadda l-immobbli, u ai termini ta' l-Artikolu 22C(2) tal-Kap. 101 trid tinbeda mhux izjed tard minn tliet xhur minn meta s-sentenza li tkun ordnat il-konfiska u din is-sentenza tkun wahda definittiva.

Illi jekk wara smigh sommarju, il-Qorti tasal ghall-fehma li t-talba tar-rikorrent ghandha tintlaqa' kollha jew f'xi parti, il-gid li jkun milqut b'dik id-decizjoni ma jibqax izjed konfiskat u jintradd lura lir-rikorrent bis-sahha tad-decizjoni innfisha meta din issir gudikat u dik id-decizjoni

titqies bhala trasferiment tat-titolu ta' dak il-gid lura mill-Gvern ghal ghand ir-rikorrent kif preskritt (vide Artikolu 22C(8) tal-Kap. 101).

Illi fil-kaz odjern il-pis tal-prova tar-rikorrenti hija illi dak il-gid inkiseb b'mezzi legittimi u il-prova li irid igib trid tkun aqwa minn semplici dikjarazzjoni vaga illi r-rikorrent kellu ghejun jew risorsi ohra ta' ghejxien.

Illi l-Qorti rat illi ir-reat li bih kien akkuzat Jason Cassar jirreferi ghas-sena 2007 u id-donazzjoni tal-fond in kwistjoni saret mill-ġenituri ta' Jason Cassar fl-1996.

Ghalhekk il-Qorti hija sodisfatta illi l-appartament numru 1 u 2 fil-blokk ta' appartament bl-isem Jason's Flats, Triq tal-Wej, Mosta mhumiex rizultat ta' profitt jew dhul mill-ghemil ta' reat, izda il-Qorti ma tistax tghid l-istess dwar il-mobbli illi jinsabu fl-imsemmi fond, u dana peress illi ir-rikorrenti ma ressaq l-ebda prova dwar kif u meta gew akkwistati l-imsemmija mobbli.

Ghaldaqsant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti tiddisponi minn dan ir-rikors billi tirrevoka l-ordni tal-konfiska tal-propjeta immobbiljari, senjatament l-appartament numru 1 u 2 fil-blokk ta' appartament bl-isem Jason's Flats, Triq tal-Wej, Mosta, izda taghmilha cara illi din ir-revoka ma tapplikax ghall-mobbli li jinsabu fl-istess appartamenti. Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ta' din l-procedura ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------